MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2009

Appell Civili Numru. 4/2005/1

**Fortunato Farrugia u martu Jane Farrugia**

**v.**

**Supretendent tas-Sahha Pubblika,**
**il-General Services Board u Adelina Cini**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

Dan huwa appell ad istanza tal-atturi Fortunato Farrugia u Jane Farrugia mid-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali,

mogħti fil-kawża fl-ismijiet fuq premessi nhar il-31 ta' Jannar 2008.[1]

**Citazzjoni u Eccezzjonijiet**

Ghal intediment ahjar ta' dan l-appell, ikun utli li jigu riportati l-premessi u t-talbiet tal-atturi u l-eccezzjonijiet tal-konvenuti:

Ic-citazzjoni attrici tghid hekk:

"Premess illi l-konvenuta Cini kienet talbet lill-Awtorita` tal-Ambjent u l-Ippjanar permess "to sanction the replacement of roof and store room at back and raising of party wall" (PA 05468/96);

"U premess illi fit-28 ta' Mejju, 2004 l-Awtorita` imsemmija harget il-permess ghal dan l-izvilupp (Dok. A);

"U premess illi l-atturi appellaw minn din id-decizjoni u l-appell taghhom ghadu pendenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-Awtorita` tal-Ambjent u l-Ippjanar (Dok. B);

"U premess illi tul il-proceduri kollha li kienu qeghdin isiru quddiem id-DCC, l-atturi dejjem kienu infurmati u prezenti fejn dejjem ressqu l-oggezzjoni taghhom ghal hrug tal-permess hawn fuq imsemmi u dan ghal diversi ragunijiet, inkluz, izda mhux biss, ksur tar-regolamenti sanitarji u tal-ligijiet tal-pajjiz;

"U premess illi l-kaz gie riferut lil General Services Bord, u dan minghajr ma l-atturi kienu infurmati halli huma, kif kellhom kull dritt li jaghmlu, kienu jressqu l-oggezzjonijiet validi taghhom;

---

[1] Jiġi osservat li meta l-atturi intavolaw dan l-appell fl-10 ta' Ġunju 2008, dan għamluh fir-rigward tad-digriet tal-**4 ta' Ġunju 2008,** iżda imbagħad fit-30 ta' Dicembru 2008 ġiet awtorizzata korrezzjoni fis-sens li d-data ġiet mibdula għall-**31 ta' Jannar 2008** u għalhekk issa ġie li l-appell odjern jirrigwarda d-digriet tal-31 ta' Jannar 2008 u mhux tal-4 ta' Ġunju 2008.

“U premess illi l-General Services Board, qatt ma nforma lill-atturi b’dawn il-proceduri, minkejja li kien jaf, jew li messu kien jaf, li huma kienu qeghdin joggezzjonaw ghal tali zvilupp;

“U premess illi dan il-Bord, minghajr ma osserva l-iktar elementi bazici ta’ gustizzja naturali – u cioe` minghajr ma sema’ l-partijiet kollha involuti f’dan il-kaz inkluz ukoll l-atturi bhala “ovjectors”, qabad u iddecieda billi jirrakkomanda l-hrug tal-permess, meta kull bord iehor, wara li sema’ lil objectors skond id-dettami tal-gustizzja naturali, dejjem cahdu l-hrug tal-permess relattiv. Illi b’dan l-agir hemm ksur palez tad-dettami tal-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

“U premess illi ghalhekk minhabba dan in-nuqqas tal-General Services Board, inhareg il-permess relattiv;

“U premess illi oltre dan, l-atturi ghadhom sal-lum ma jafux il-kontenut tad-decizjoni tal-General Services Board, u kull tentattiv taghhom sabiex jakkwistaw kopja tal-istess decizjoni kien sal-lum kollu inutili. Illi b;dan in-nuqqas ta’ notifika tad-decizjoni de quo qieghed jigi lez id-dritt tal-atturi li jappellaw minn tali decizjoni fiz-zmien moghti lilhom skond il-ligi illi l-atturi mhux talli ma gewx notifikati bl-imsemmija decizjoni tal-General Services Board, talli l-konvenut Supretendent tas-Sahha qieghed jaghmel kull mezz possibbli sabiex huma ma jigux notifikati b’din id-decizjoni u ghaldaqstant l-istess konvenut qieghed jikser il-ligijiet vigenti tal-pajjiz u qieghed jqieghed lilu passabbli ghad-danni. Illi lanqas biss ma l-atturi jafu d-data meta inghatat din id-decizjoni mill-General Services Board!

“U premess illi l-atturi intimaw lill-konvenut Supretendent tas-Sahha, izda minkejja li dan gie interpellat kemm bonarjament u kemm ufficjalment, sabiex jirrettifika dan l-izball, huwa baqa’ inadempjenti (Dok. C u D);

“Jghidu ghalhekk il-konvenuti, jew min minnhom, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni, provvediment u ordni opportun, l-ghaliex m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-General Services Board ma osservax il-principji tal-gustizzja naturali meta huwa ta d-decizjoni tieghu;

2. Konsegwentement tannulla d-decizjoni moghtija mill-Generali Services Board u terga’ tqieghed lill-partijiet fl-istat li kienu originarjament qabel ma nghatat id-decizjoni relattiva;

3. Tordna lil General Services Board sabiex jisma’ x’ghandhom xi jghidu l-atturi, ossia l-oggezzjonijiet taghhom, halli mbaghad ikun jista’ jasal ghad-decizjoni tieghu wara li jkun sema’ lill-partijiet kollha involuti fil-kaz u dan skond id-dettami tal-gustizzja naturali.

4. Taghti dawk il-provvedimenti u direttivi ohra li jidhrulha xierqa u opportuni f’dan il-kaz.

“Bl-ispejjez inkluz dik tal-ittra ufficjali datata 17 ta’ Dicembru, 2004 kif ukoll bl-ingunzjoni tal-konvenuti li huma ngunti minn issa ghas-subizzjoni.

“B’riserva ghal kull azzjoni ta’ danni kontra l-konvenuti jew min minnhom.”

In-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenuti Supretendent tas-Sahha Pubblika u General Services Board (fol. 22) taqra hekk:

“1. Peliminarjament in-nuqqas ta’ notifika tal-Avukat Generali bic-citazzjoni ai terini tal-Artikolu 181B(3) tal-Kap. 12.

“2. Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, din l-azzjoni hija tardiva stante li skada t-terminu ta’ sitt xhur moghti biex jinbdew dawn il-proceduri mill-Artikolu 469A(3) tal-Kap. 12.

“3. Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, stante li jezisti dritt ta’ appell lill-Qorti tal-Appell mid-decizjoni tal-General Services Board ai termini tal-Artikolu 102(6) tal-Kap. 10, u stante li t-talbiet huma

kollha bbazati fuq l-Artikolu 469A tal-Kap. 12, din l-azzjoni hija irritwali u nulla a bazi tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12.

“4. Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in-nuqqas ta’ interess guridiku tal-attur fil-konfront tal-konvenuti esponenti, stante li l-General Services Board ikollu relazzjoni biss mal-applikant li f’dan il-kaz ma kenux l-atturi.

“5. Fil-mertu kemm is-Supretendent tas-Sahha Pubblika kif ukoll il-General Services Board agixxew skond il-ligi f’kull stadju ta’ dan il-kaz u ghalhekk it-talbiet tal-atturi ghandhom ikunu michuda bl-ispejjez kontrihom.

“Salvi eccezzjoniiet ohra jekk ikun il-kaz.”

In-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenuta Adelina Cini (fol. 25) tghid hekk:

“1. In linea preliminari, hemm in-nuqqas ta’ gurisdizzjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti ai termini tal-Artikolu 741(b) tal-Kap. 12;

“2. Illi fil-meritu u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni t-talbiet attrici huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom;

“3. Illi m’hemm xejn irregolari fl-operat tal-General Services Board li kellu ghad-dispozizzjoni tieghu l-file relattiv ghall-permess tal-izvilupp PA5468/96, flimkien ma’ l-ilmenti u d-dokumenti kollha li kienu gia` saru u li gew sottomessi mill-atturi u l-permess moghti mill-Awtorita` ta’ Malta ghall-Ambjent u l-Ippjanar inhareg b’mod regolari u skond il-ligi u nhareg ukoll bla pregudizzju ghad-drittijiet civili ta’ terzi fosthom tal-atturi li jekk verament ghandhom dawn id-drittijiet, huma ghandhom u ghad baqghalhom kull rimedju legali quddiem il-Qrati ordinarji sabiex jippruvaw dawn id-drittijiet, haga li l-konvenuti ghadhom sal-lum m’ghamlux;

"4. Illi l-agir tal-atturi huwa wiehed purament vessatorju u ntiz biex ifixkel lill-eccipjenti fit-tgawdija tad-drittijiet taghha u milli tizviluppa l-proprjeta` taghha skond il-permess tal-izvilupp moghti lilha mill-Awtorita` ta' Malta ghall-Ambjent u l-Ippjanar li jgib in-numru PA5468/96;

"5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt."

**Fatti li ġraw waqt il-mori tal-kawża:**

Jirriżulta li fis-27 ta' Settembru 2006 ingħatat deċiżjoni mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar fl-ismijiet "*Fortunato Farrugia vs L-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u l-kjamata in kawża Adelina Cini*".

Ġie interpost appell minn tali d-deċiżjoni fuq punt ta' liġi quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri). Fil-31 ta' Ottubru 2007 il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) ħassret u rrevokat id-deċiżjoni mogħtija mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar u rrimettiet il-każ lura lill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar sabiex jiġi deċiż fid-dawl ta' dik id-deċiżjoni. Kopji ta' dawn iz-zewg decizjonijiet jinsabu annessi mar-rikors ta' appell odjern.

Sussegwentement, fid-9 ta' Novembru 2007, (fol. 124) il-konvenuta Adelina Cini fil-kawża odjerna talbet lill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri biex tieqaf milli tkompli tisma' din il-kawża sakemm jiġi deċiż il-każ quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar[2].

Permezz tad-digriet tal-31 ta' Jannar 2008 (fol. 125) il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Gurisdizzjoni Superjuri laqgħet it-talba ta' Adelina Cini u ddiferiet il-kawża *sine die,* riappuntabbli fuq talba ta' xi ħadd mill-kontendenti, wara li jiġu terminati b'mod definittiv il-proceduri quddiem il-Bord tal-Appell tal-'MEPA'.

[2] "*Dr Mario Scerri għall-konvenuta Adelina Cini, b'referenza għas-sentenza esebita mill-atturi, jissottometti li jkun opportun illi din il-Qorti tieqaf milli tisma' din il-kawża sa kemm jiġi deċiż b'mod definittiv l-appell quddiem l-Awtorita` tal-Ippjanar u dan peress li eżitu f'din il-kawża jista' jkun konfliġġenti għall-eżitu fl-appell jew quddiem il-Mepa, u li fuq l-istess kwistjoni kien ibbażat l-appell li annulla d-deċiżjoni li kien tal-Bord tal-Appelli tal-Mepa.*" (verbal tad-9 ta' Novembru 2007, fol 124)

Sussegwentement għad-digriet tal-31 ta' Jannar 2008, l-atturi, permezz ta' rikors datat 5 ta' Frar 2008 (fol. 127), talbu lill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri sabiex tikkunsidra mill-ġdid id-deċiżjoni tagħha tal-31 ta' Jannar 2008 u minflok tordna li l-kawża terġa' titqiegħed fuq il-lista tal-kawża u tkompli tismagħha sabiex tagħti s-sentenza tagħha.

Il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, wara li rat ir-rikors tal-5 ta' Frar 2009 u r-risposti tal-konvenuti u d-dokumenti esebiti u semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet, permezz ta' digriet mogħti fl-4 ta' Ġunju 2008 (fol. 217) caħdet ir-rikors u kkonfermat id-digriet tagħha tal-31 ta' Jannar 2008.

**Ir-rikors tal-appell tal-atturi Fortunato Farrugia u Jane Farrugia**

L-atturi ħassew ruħhom aggravati u għalhekk interponew dan l-appell. Huma jargumentaw illi għalkemm id-deċiżjoni tas-27 ta' Settembru 2006 mogħtija mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar ġiet annullata fuq teknikalita` mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) xorta waħda l-istess Bord ser ikollu jdejh marbuta mad-deċiżjoni li ttieħdet mill-General Services Board in vista tas-sentenza **Pater Holdings Ltd v. Il-Kummissjoni għall-Kontroll tal-Iżvilupp**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru 2001[3].

Huma irreferew għal dik il-parti tad-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri tal-4 ta' Ġunju 2008 fejn ingħad hekk:
"Huwa minnu, kif qed jirraġunaw l-atturi li l-probabbilita` hija li l-Bord tal-Appell ser jikkonferma d-deċiżjoni tiegħu li m'għandux ġurisdizzjoni biex jissindika deċiżjoni tal-

[3] "*Il-Bord jikkonkludi illi billi din tratta ta' deċiżjoni tal-General Services Board kif regolata skond il-Kodici tal-Liġijiet tal-Pulizija, huwa m'għandux il-ġurisdizzjoni necessarja sabiex jikkunsidra u jirrevedi tali deċiżjoni mil-lat ta' sanita`, u dana in linea mas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet "Pater Holdings Ltd vs Il-Kummissjoni għall-Kontroll tal-Iżvilupp tal-5 ta' Ottubru 2001.*" (deċiżjoni tas-27 ta' Settembru 2006, tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar)

General Services Board. B'daqshekk pero għadha ma ġietx deċiża darba għal dejjem il-kwistjoni jekk, wara kollox, kienx hemm deċiżjoni mill-General Services Board jew le, ħaġa li għad trid tiġi deċiża f'dawk il-proceduri."

L-appellanti jargumentaw illi, bl-akbar rispett lejn l-ewwel Qorti, ma hemmx dubju li l-General Services Board fil-fatt ħa deċiżjoni u kien propju b'din id-deċiżjoni tal-General Services Board li nħareġ il-permess mill-MEPA, u fil-fatt hija din id-deċiżjoni li qegħda tiġi attakkata quddiem l-ewwel Qorti. Huma jħossu li huwa importanti li tingħata d-deċiżjoni f'dan il-każ qabel ma jiġi deċiż il-każ quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar ħalli jekk id-deċiżjoni tal-General Services Board tiġi dikjarata nulla peress li ma kinitx konformi mal-Liġi, il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar ikun jista' jieħu konsiderazzjoni ta' dan il-fatt. Ikomplu jargumentaw illi jekk id-digriet tal-Qorti jibqa' viġenti, dan ikun ifisser li l-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar ma jkunx jista' jikkunsidra d-deċiżjoni tal-General Services Board, u dan peress li huwa, skond is-sentenza **Pater Holdings Ltd v. Il-Kummissjoni għall-Kontrol tal-Iżvilupp**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru 2001, ma jistax jissindika tali deċiżjoni.

Għalhekk l-atturi talbu lil din il-Qorti tħassar, tirrevoka u tannulla d-digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri nhar il-31 ta' Jannar 2008 u konsegwentement tordna li l-atti tal-kawża jiġu rinvjati quddiem l-Ewwel Qorti sabiex il-kawża tiġi deċiża kemm jista' jkun malajr u skond il-liġi. Bl-ispejjeż kollha kontra l-appellati.

**Ir-risposta tal-Appell ta' Adelina Cini**

Il-konvenuta Adelina Cini wieġbet biex turi għaliex l-appell tal-konjuġi Farrugia għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra l-appellanti.

Fl-ewwel lok hija taccenna għall-fatt li r-rikors tal-appell jirrigwarda d-digriet tal-4 ta' Ġunju 2008 u mhux id-digriet tal-31 ta' Jannar 2008 u targumenta illi r-rikors huwa <u>null</u> peress li ma setax isir qabel is-sentenza definittiva billi d-

digriet appellat jinkwadra ruħu taħt l-artikolu 229(1)(k) tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Fil-mertu, hija tinsisti li d-digriet tal-4 ta’ Ġunju 2008 huwa ġust u jimmerita konferma. Hija tispjega li l-kwistjoni li tat lok għal dawn il-proceduri kollha kienet it-talba li kienet ressqet fl-1996 biex tottjeni permess mingħand l-Awtorita` tal-Ippjanar biex tkun tista’ tgħolli l-ħajt diviżorju fuq wara tad-dar tagħha. Hija tħossha urtata li dan id-“dritt sagrosant” mogħti bil-liġi permezz tal-Artikolu 414 tal-Kap 12 ilu jiġi mfixkel u mxekkel mill-appellanti għal dawn l-aħħar tnax-il sena billi ma waqfux ħlief jagħmlu xkiel u bsaten fir-roti għall-ħruġ tal-permess biex ikun jista’ jinbena dan il-ħajt diviżorju skond il-liġi.

Hija ssostni li kienet korretta l-ewwel Qorti meta osservat fid-digriet tagħha li għad irid jiġi deciż jekk fil-fatt kienx hemm “deciżjoni” mill-General Services Board fis-sens li jippreskrivi l-Artikolu 469A(2) tal-Kap 12 jew le, u jekk fil-kuntest ta’ dan l-appell, taqax jew le din id-deciżjoni taħt id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 469A tal-Kap 12.

Hija tissottometti li m’hemmx dubju li kien hemm xi ksur ta’ smiegħ xieraq kif qed jiġi allegat mill-appellanti meta l-każ qatt ma ġie appuntat għas-smiegħ, iżda taccenna għall-fatt li l-General Services Board kien biss ikkunsidra l-każ li kien ġie riferit quddiemu mis-*sanitary engineering officer* a bażi tal-fatti u d-dokumenti kollha li kienu joħorġu mill-atti processwali ta’ PA548/96, inkluż għalhekk ukoll l-oġġezzjonijiet u s-sottomissjonijiet li kienu saru bil-miktub mill-istess appellant. Hija żżid tgħid illi d-deciżjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar tas-27 ta’ Settembru 2006 ma kinitx imsejsa fuq dak li kien iddecieda l-General Services Board, iżda a bażi tal-“policies” viġenti dwar il-każ.

L-appellata Adelina Cini tissottometti ukoll illi anke kienu kellu jingħad li dan il-każ jaqa’ taħt id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 469A tal-Kap 12, (i) minn dik id-deciżjoni tal-General Services Board ma sar l-ebda appell, kif kellhom jagħmlu fit-termini tal-Artikolu 102(4) tal-Kap 10 (u fin-nuqqas ta’ dan mhux applikabbli l-provvedimenti tal-Artikolu 469A tal-Kap 12); u (ii) din il-kawża saret ferm

wara t-terminu preskritt mill-Artikolu 469A(3) tal-Kap 12. Hija tosserva illi l-appellanti mhux biss ma appellawx mid-deċiżjoni tal-General Services Board, iżda ħallew aktar minn sitt xhur jgħaddu minn meta saru jafu jew setgħu saru jafu li kien hemm deċiżjoni tal-General Services Board, li setgħet b'xi mod tolqot l-eżitu tal-permess li ġie approvat mill-Awtorita`.

Ghandu jigi rilevat li s-Supretendent tas-Saħħa u l-General Services Board ma weġbux għar-rikors tal-Appell.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Permezz tad-digriet tal-31 ta' Jannar 2008 il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri iddiferiet il-kawża **Fortunato Farrugia et. v. Supretendent tas-Saħħa Pubblika et.**, *sine die*. L-atturi fil-5 ta' Frar 2008 kienu talbu lill-istess Qorti tirrikonsidra d-digriet tagħha u terġa' tqiegħed il-kawża fuq il-lista. Permezz tad-digriet tagħha tal-4 ta' Ġunju 2008, dik il-Qorti ma laqgħetx it-talba u kkonfermat id-digriet tagħha tal-31 ta' Jannar 2008.

L-appell odjern, li ġie ntavolat fl-10 ta' Ġunju 2008, kien originarjament jirreferi ghad-digriet tal-ewwel Qorti tal-4 ta' Ġunju 2008. Sussegwentement, fit-22 ta' Lulju 2008 l-appellata Adelina Cini ppreżentat ir-risposta tagħha għal dan ir-rikors tal-appell mid-digriet tal-"4 ta' Ġunju 2008" fejn primarjament issollevat in-nullita` tal-appell peress li skond l-Artikolu 229(1)(k) tal-Kap 12, appell minn digriet bħal dak tal-4 ta' Ġunju 2008, u cioe` "*digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba għar-revoka jew emenda ta' digriet*…" għandu jsir wara s-sentenza definittiva u flimkien ma' appell minn dik is-sentenza.

Jumejn wara, l-appellanti Farrugia, permezz ta' rikors ippreżentat fl-24 ta' Lulju 2008, talbu li ssir korrezzjoni fir-rikors tal-appell tagħhom fis-sens li fejn fit-talba tagħhom talbu li jiġi mħassar, revokat u annullat id-digriet tal- "4 ta' Ġunju 2008", din it-data tiġi taqra "31 ta' Jannar 2008".

Bid-digriet tagħha tat-30 ta' Dicembru 2008, din il-Qorti tal-Appell laqgħet it-talba u ordnat li d-data tiġi korretta kif mitlub.

Ir-rikors sussegwenti ta' Adelina Cini tat-2 ta' Marzu 2009 sabiex il-Qorti tirrevoka d-digriet tagħha tat-30 ta' Dicembru 2008 "*contrario imperio*" ġie miċħud.

Ġie għalhekk li dan ir-rikors tal-appell odjern li ġie interpost fl-10 ta' Ġunju 2008 huwa fir-rigward tad-digriet tal-31 ta' Jannar 2008 u mhux tad-digriet tal-4 ta' Ġunju 2008.

F'dan l-istadju din il-Qorti tħoss li għandha tagħmel dawn is-segwenti osservazzjonijiet ta' natura procedurali:

● Id-digriet tal-31 ta' Jannar 2008, li permezz tiegħu il-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri marret *sine die* jinkwadra ruħu taħt l-Artikolu 229(2)(e) tal-Kapitolu 12, u cioe` "*digriet li jordna l-waqfien tal-procedimenti".*

● L-Artikolu 229(2) jistipula li minn tali tip ta' digriet wieħed jista' jagħmel **appell** qabel is-sentenza definittiva. Skond l-Artikolu 229(6) iż-żmien biex isir appell minn digriet qabel is-sentenza definittiva huwa ta' "*sitt ijiem minn meta d-digriet ikun inqara fil-qorti bil-miftuħ*".

● L-Artikolu 229(4) imbagħad jistipula illi minn tali tip ta' digriet, f'każ li ma jkunx sar rikors tal-appell, il-parti aggravata tista' fi żmien sitt ijiem mid-digriet, titlob lill-Qorti biex **tirrikonsidra** d-deċiżjoni tagħha:

"Fil-każ ta' xi digriet li jingħata taħt is-subartikoli (2) u (3), sakemm ma jkunx ġie preżentat rikors tal-appell, il-parti aggravata tista' b'rikors li jiġi preżentat fi żmien sitt ijiem mill-jum meta d-digriet ikun inqara bil-miftuħ fil-qorti, titlob lill-qorti li tkun tat id-digriet sabiex tikkunsidra mill-ġdid id-deċiżjoni tagħha. Fir-rikors għandu jkun hemm ir-raġunijiet kollha dettaljati li jsaħħu t-talba u dan għandu jiġi notifikat lill-parti l-oħra li jkollha dritt tippreżenta risposta fi żmien sitt ijiem mill-jum tan-notifika."

L-appellanti Farrugia għalhekk kellhom waħda minn żewġ toroq x'jagħżlu in segwitu għad-digriet tal-31 ta' Jannar 2008 li bih ħassew ruħhom aggravati:

(1) li jagħmlu rikors fi żmien sitt ijiem minn meta d-digriet inqara fejn jitolbu lill-Qorti tirrikunsidra d-deċiżjoni tagħha (kif fil-fatt għamlu fil-5 ta' Frar 2008), jew

(2) li jagħmlu appell fi żmien sitt ijiem minn meta d-digriet inqara.

Huma għażlu l-ewwel triq, iżda jidher li meta d-digriet tal-4 ta' Ġunju 2008 ma tahomx ir-riżultat li xtaqu, iddecidew li jieħdu t-tieni triq ukoll, u cioe` li jappellaw mill-ewwel digriet tal-31 ta' Jannar 2008.

Il-provvedimenti tal-Artikolu 229 certament ma jikkontemplawx din il-possibilita`. L-Artikolu 229(4) jagħmilha cara li biex wieħed jitlob lill-qorti tirrikunsidra digriet tagħha stess, ma jridx ikun sar appell minnu. Jiġifieri f'dak it-terminu ta' sitt ijiem minn meta jkun inqara d-digriet fil-miftuħ, il-parti aggravata tista' jew tappella mid-digriet jew titlob lill-Qorti għar-rikunsiderazzjoni. Jew waħda jew l-oħra. Ma tistax dik il-parti tagħmel rikors għal rikunsiderazzjoni u ukoll rikors tal-appell. U wisq anqas ma tista' tagħmel rikors għal rikonsiderazzjoni, toqgħod tistenna l-eżitu tiegħu, imbagħad tiddeciedi li tappella mid-digriet oriġinali erba' xhur u għaxart ijiem wara!

Dan ir-rikors tal-appell mid-digriet tal-31 ta' Jannar 2008 huwa għalhekk null. Tali nullita` tista' tigi sollevata, kif fil-fatt qed tigi sollevata *ex officio* mill-Qorti stante li t-termini u l-madalita` tal-appell huma materji ta' ordni pubbliku.

Għal dawn ir-raġunijiet din l-Qorti tiċħad it-talba kif kontenuta fir-rikors tal-appell stante li l-istess appell huwa irritu u null. Tordna li l-atti jigu rimessi lura lill-ewwel Qorti.

L-ispejjeż għandhom jitħallsu mill-atturi appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------